MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 872/2002

**Cit Nru: 872/02 JA**

**Joseph Calleja.**

**-vs-**

**Joseph u Sandra konjugi Friggieri u Carousel Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-30 ta' Lulju, 2002 li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur jinstab kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' hdax-il elf seba' mija u erba' u ghoxrin lira Maltin (Lm11,724)

rapprezentanti self brevi manu maghmul lill-konvenuti Friggieri, liema ammont kellu jithallas permezz ta' tlett cekkijiet tal-Bank of Valletta tal-fergha ta' H' Attard, mahrugin mill-konvenuti stess mill-akkont ta' Carousel Co. Ltd Operating A/C fis-16 ta' Gunju 2000, fir-rigward l-ewwel zewg cekkijiet, u fil-31 ta' Gunju 2000, fir-riward it-tielet wiehed, u li meta prezentati l-bank biex jithallsu gew ritornati lill-attur markati bhala 'refer to drawer';

Illi ghalkemm debitament interpellati biex ihallsu dan l-ammont, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-ammont mitlub huwa wiehed cert, likwidu u dovut;

Illi l-konvenuti m' ghandhom ebda eccezzjoni x' jaghmlu ghat-talba tal-pagament;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh;

2. tiddikjara lill-konvenuti debituri ta' l-attur fis-somma ta' hdax-il elf, seba' mija u erba' u ghoxrin lira Maltin (Lm11,724) rapprezentanti self brevi manu maghmul lill-konvenuti Friggieri;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta' hdax-il elf, seba' mija u erba' u ghoxrin lira Maltin (Lm11,724) fuq imsemmija;

Bl-ispejjez, inkluz dawta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Mejju, 2002 u tal-mandat ta' inibizzjoni li qed jigi prezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa fit-30 ta' Lulju, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u b’ hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ l-attur;

Semghet l-Avukat ta’ l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

**Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi kif dedotti fic-citazzjoni u tikkundanna lill-konvenuti ‘in solidum’ jhallsu lill-attur s-somma ta’ hdax-il elf, seba’ mija u erba’ u ghoxrin lira Maltin (Lm11,724), bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 7 ta’ Mejju, 2002 u tal-mandat ta’ inibizzjoni li gie prezentat kontestwalment ma’ din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficcjali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------